# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/2140

## tal-15 ta' Diċembru 2020

## dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mil-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael minn naħa l-oħra ([1]) ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/952 ([2]) u daħal fis-seħħ fit-2 ta' Awwissu 2020.

(2) L-Artikolu 22 tal-Ftehim jistabbilixxi kumitat kompost mir-rappreżentanti tal-Partijiet Kontraenti ("il-Kumitat Konġunt") biex jiżgura l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim.

(3) L-Artikolu 22(3) tal-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt irid jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Ftehim, jenħtieġ li r-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt jiġu adottati.

(5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt, peress li d-deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu ser ikollha effetti legali għall-Unjoni. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 22 tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, fuq in-naħa l-oħra, fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt ([3]).

2. Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' tibdiliet minuri fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

([1]) ĠU L 208, 2.8.2013, p. 3.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/952 tas-26 ta' Ġunju 2020 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u l-gvern tal-Istat ta' Iżrael, min-naħa l-oħra (ĠU L 212 3.7.2020, p. 10).

([3]) Ara d-dokument ST 13483/20 fuq http://register.consilium.europa.eu

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Diċembru 2020.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. KLOECKNER